# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru 2993

**Kaz Nru. 4123/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Ronnie Bezzina**
**(K.I. 0379287 M)**

**vs**

**Panta Contracting Ltd (C 15725)**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta - Constructive Dismissal)**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Ronnie Bezzina li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fil-5 ta' Jannar, 2023. Matul is-smigh tal-kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Paula Briffa u ghas-socjeta appellata dehret Katrina Attard li kienet assistita mill-Avv. Lara Pace u mill-Avv. Matthew Brincat.**

**Fl'istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti jghid, li huwa membru tal-familja estiza tas-sidien tas-socjeta ntimata Panta Contracting Limited u kien ilhu mpjegat maghha ghal dawn l-ahhar 17 il-sena.**

**Huwa jghid ukoll li kien gie mpjegat fil-31 ta' Jannar, 2005 bhala Assistant Works Manager u matul l-impjieg tieghu kien inghata diversi promozzjonijiet sakemm fid-29 ta' Marzu, 2019 gie promos ghal grad ta' Stores and Procurement Manager li enetwalment din il-kariga zviluppat fir-rwol ta' Chief Logistics and Procurement Officer.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li bejn 2018 sas-sena 2022, huwa ghamel diversi servizzi lis-socjeta ntimata u anke lis-socjeta Panta Lesco Limited (C 2045) liema servizzi li pprovda marru lil hinn mir-responsabilitajiet tieghu ta' l-impjieg kif dettaljat fid-deskrizzjoni tal-impjieg tieghu u minkejja li gie mwieghed kumpens xieraq ghal dawn is-servizzi huwa qatt ma gie moghti dan il-kumpens.**

**Huwa jghid ukoll li minkejja ma giex moghti kumpens, huwa kompla jghaqdi dawn is-servizzi pero aktar ma beda jghaddi z-zmien beda jhossu li kien qed jigi ttrattat ngustament mis-socjeta ntimata.**

**Huwa jkompli jghid, li dan it-trattament ingust lahaq il-qofol tieghu minn mindu ic-CEO prezenti bdiet tmexxi l-kumpanija u dan b'tali modd li kemm hu, kif ukoll impjegati ohra bdew isibuha difficcli li jibqghu jahdmu fl'ambjent li gie mahluq minn din it-tmexxija.**

**Huwa jghid ukoll, li minkejja li dejjem ghamel xogholhu b'mod impekkabbli u diligenti beda jinghata l-genb mis-CEO u ma kienx aktar f'pozizzjoni illi jahdem b'mod seren.**

**Huwa jkompli jghid, li sahansitra lanqas biss gie kkonsidrat ghal promozzjoni ta' Chief Operating Officer u dan wara li kien ilhu jghati servizz lill kumpanija ghal dawn l-ahhar 17 il-sena.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li minhabba din l-attitudni huwa ma felahx aktar u kien imgieghel u kostrett illi jirrizenja mill-impjieg kontra r-rieda tieghu.**

**Huwa jghid ukoll, li dan ghamlu ghax ma kellux ghazla ohra hlief illi jiehu dan il-pass, ghaliex minkejja li ghamel xoghol illi certament kien ta' beneficcju ghas-socjeta ntimata u li kif taf tajjeb l-istess socjeta, ghamel ukoll xoghol illi huwa lil hinn minn dak li hu mistenni minnu fil-kariga li kellu fi hdan il-kumpania Panta Contracting Limited u minkejja x-xoghol li dak ghamel ma kienx trattat b'mod gust u ghalhekk ma kienx aktar f'pozizzjoni illi jibqa jahdem mas-socjeta ntimata.**

**Huwa jkompli jghid, li jezistu c-cirkostanzi kollha ta' terminazzjoni ngusta tal-impjieg ghaliex b'dak kollu li sehh f'dawn l-ahhar xhur, minkejja li qatt ma kellu l-ebda problema fuq il-post tax-xoghol u l-fatt li fuq perjodu ta' hmistax il-xahar ghamel tlett tentattivi biex tinstab soluzzjoni bonarja huwa ma kienx fadallu triq ohra hlief li fil-25 ta' Lulju 2022 jirrezenja mill-kariga bhala Chief Logistics and Procurement**

**Officer fi hdan is-socjeta ntimata u l-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu kienet fl'14 ta' Ottubru, 2022.**

**Huwa jghid ukoll, li xhieda tac-cirkostanzi prekarji li sab ruhu fihom b'rizultat tat-tmexxija tas-socjeta ntimata, esperjenzawa wkoll zewg haddiema ohra li kellhom karigi gholja fi hdan is-socjeta ntimata li kellhom jirrezenjaw mill-impjieg ghax hassew li ma kellhomx triq ohra.**

**Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jitlob lit-Tribunal Industrijali jiddikjara, li huwa gie trattat b'mod ingust mis-socjeta ntimata u kellhu jirrezenja mill-impjieg tieghu ghaldaqstant, talab lit-Tribunal Industrijali jghati rimedju u jillikwida kumpens favur tieghu.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li tichad bl-aktar mod kategoriku l-allegazzjonijiet migjuba mir-rikorrenti li huwa kien b'xi mod sfurzat biex jirrizenja mill-impjieg tieghu.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti kien originarjament impjegat mas-socjeta bhala Assistant Works Manager fuq bazi full time u tul l-impjieg tieghu kien jokkupa diversi karigi mas-socjeta ntimata fosthom ta' Stores and Procurement Manager u wara ta' Chief Logistics and Procurement Officer.**

**Hija tghid ukoll, li kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza r-rikorrenti ma pprezenta l-ebda servizz li jmur l'hinn minn dak li kien mistenni minn xi**

**hadd li jokupa rwol manigerjali u fil-fatt r-rikorrenti ma kienx jahdem aktar sighat minn dawk dovuti.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li jekk ir-rikorrenti allegatament ghen fuq xi progetti, dan ghamlhu minn jeddu u minhabba r-rwol manigerjali li huwa kien jokkupa u dan sar waqt il-hin tax-xoghol.**

**Is-socjeta tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha, li r-rikorrenti qatt ma gie mwieghed kumpens u minn naha tieghu ghandu l-obbligu legali sabiex igib u jipprezenta din il-prova. Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti qatt ma gie mwieghed kumpens oltre dak li kien dovut lilhu.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li mhuweix minnu li ttrattat lir-rikorrenti b'mod ingust anzi pjuttost il-kontra u ghaldaqstant tistieden lir-rikorrenti li ghandu jgib prova ta' din l-allegazzjoni.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li ghandu jinghad b'mod car li CEO Katrina Attard, dejjem agixxiet fl-ahjar interess tas-socjeta ntimata u fl-ahjar interess tal-group, u jekk kien hemm xi decizjoni li r-rikorrenti jilmenta dwarha ghax ma ghogbitux, dan ma jfissirx li kien hemm xi trattament ngust jew li r-rikorrenti kellu jirrizenja mill-impjieg tieghu.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li l-fatt li kien ilu mpjegat mas-socjeta ghal 17 il-sena ma jfissirx li r-rikorrenti kellu jinghata l-pozizzjoni ta' Chief Operations Officer kif qed jallega fir-rikors tieghu. Hija tghid ukoll, li r-**

**rikorrenti kien rispettat b'mod shih mid-dirigenti kollha tal-kumpanija u ma kien hemm l-ebda cirkostanzi li wassluh sabiex jirrezenja ghajr li din kienet decizjoni personali tieghu u saret bi pjan tieghu li jitlob kumpens liema kumpens m'ghandux ikun dovut ghalih.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li dwar il-hafna allegazzjonijiet li ghamel ir-rikorrenti dwar impjegati ohra li rrizenjaw minn mas-socjeta ntimata tajjeb li jigi issottolinjat li m'hemm l-ebda kawza pendenti ohra quddiem dan it-Tribunal Industrijali li gew ntavolati minn individwi ohra minhabba xi allegat ta' tkeccija ngusta, u fil-fhema tas-socjeta ntimata tali argument ma jreggix, ghaliex huwa fl-obbligu tar-rikorrenti sabiex juri li kien hemm allegat ksur tal-kuntratt tal-impjieg tieghu u fil-konfront tieghu u li tali ksur wassal lir-rikorrenti sabiex jirrizenja mill-impjieg.**

**Fl'istqarrija tal-kaz taghha s-socjeta tghid ukoll, li l-gurisprudenza taghna li segwiet id-dottrina Ingliza huwa r-rikorrenti li jrid juri li kien hemm an unreasonable conduct da parti tal-principal u fuq dan il-punt mir-rikors promotur jidher li tali kondotta rragonevoli ma tezistix.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li huwa r-rikorrenti li jehtieglu jipprova li r-rizenja tieghu kienet tassew rizultat ta' trattament avers li hu jallega li rcieva minghand is-socjeta ntimata u ghaldaqstant peress li fl-opinjoni tas-socjeta ntimata l-element tal-constructive dismissal m'humiex sodisfatti, ir-rikorrenti ghandu jassumi r-responabbilta tal-ghazla li huwa ghamel.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija taghha fejn tghid, li ghal kull bwon fini dan it-Tribunal ghandu jkun infurmat li apparti din il-kawza, ir-rikorrenti qed jghamel kawza ohra quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u dan sabiex ixerred l-opportunitajiet ta' kumpens kemm jista jkun u li dan allura jirrifletti l-agenda vera tieghu fil-konfront tas-socjeta ntimata. Ghalhekk, kif ser jigi ppruvat waqt il-mori ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol it-talbiet tar-rikorrenti ghandom jigu kollha michuda.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ir-rikorrenti fejn anke pprezenta x-xhieda tieghu permezz ta' affidavit u jghid, li kien ilhu jahdem mas-socjeta ntimata ghal dawn l-ahhar sbatax il-sena u huwa membru tal-familja tas-sidien.**

**Huwa jghid ukoll, li matul is-snin gie moghti diversi promozzjonijiet u l-ahhar kariga li kellhu kienet ta' Chief Logistics and Procurement Officer fejn kellhu salarju ta' €46,199 gross fis-sena u kien ihossu ddiskriminant ghax fil-waqt li kollegi tieghu kienu jithallsu ghas-sahra huwa qatt ma gie mhallas ghal hin zejjed li kien jghamel.**

**Huwa jghid ukoll, li mill-bidu kien lejali lejn il-kumpanija u fit-2008 kellu opportunita ta' impjieg bi dhul ta' €50,000 imma ghazel li jibqa mas-socjeta ntimata minkejja li s-salarju li kellu kien ta' €26,000**

**Huwa jkompli jghid, li wiehed jista jikkalkula kemm tilef flus erbghatax il-sena ilu, imma xorta ma kienx jiddispjacih u matul iz-zmien hadem b'dedikazzjoni fuq progretti tal-kumpanija u kien responsabbli wkoll ta'**

**progetti li ma kienux strettament taht ir-responsabilta tieghu u li rrendew lis-socjeta ntimata dhul finanzjarju u huwa baqa jahdem b'dedikazzjoni sakemm kien hemm il-bidla fit-tmexxija tas-socjeta ntimata.**

**Huwa jghid ukoll, li wara li lahqet ic-CEO il-gdid tas-socjeta ntimata baqa jahdem b'dedikazzjoni anke fuq progetti li ma kienux strettament taht ir-responsabilta tieghu u kien gie mwieghed ghal darbtejn mis-CEO il-gdid li kien se jinghata kumpens imma minflok li gie moghti kumpens huwa beda jigi mwarrab u kien hemm diversi sitwazzjonijiet fejn beda jhossu li ma kienx qed jigi rispettat u jsemmi li meta miet missieru l-ebda membru tal-familja Attard li huma s-sidien tas-socjeta ntimata ma attendew ghal funeral ta' missieru u lanqas sabu hin biex jikonfortawh.**

**Huwa jkompli jghid, li minn mindu kien hemm bidla fit-tmexxija tas-socjeta ntimata, il-kumpanija ma baqghetx dik li kienet, fejn il-haddiema bdew jigu ttrattati bhala numru u huwa ma kienx ihoss li x-xoghol li kien qed jghamel kien qed jinghata rispett li jisthoqqlu.**

**Huwa jghid ukoll li l'impenn li kien qed iwettaq, li permezz tal-hiliet tieghu li gab u ghamel progetti li irrendu qlieh lill kumpanija u dan ix-xoghol li wettaq ma kienux jirriflettu fid-dhul finanzjarju li suppost jaqla inginier gradwat b'disgha u ghoxrin sena esperjenza u kkwalifikat fl-MBA.**

**Huwa jkompli jghid, li kien tilef il-fiducja fil-management tas-socjeta ntimata u tilef il-motivazzjoni li wara dak ix-xoghol kollu li ghamel u wara dawk is-snin kollha ta' servizz lanqas gie kkunsidrat li jinghata l-grad ta' Chief Operating Officer u ta' General Manager f'Panta Contracting Limited u f'Panta Marketing and Services Ltd respettivament ghaldaqstant, huwa hass li l-kumpanija ma kienitx qed tatih spazju biex javvanza fuq progetti li kien holoq hu stess u ghaldaqstant, flok li gie apprezzat inghata il-genb u ma setghax jghamel mod iehor ghajr dik li jirrezenja u fix-xhieda tieghu jsemmi numru ta' haddiema li hassew li ma kienux qed jigu apprezzati u irrezenjaw mill-impjieg minn mas-socjeta ntimata.**

**Huwa jghid ukoll, li kien irrezenja minghajr ma kellu xoghol u dak li gara affettwa hazin lil sahhtu fejn kellu bzonn jinghata terapija. Ir-rikorrenti jkompli jghid, li sab xoghol tlett xhur wara li rrezenja minn mas-socjeta ntimata u prezentament huwa mpjegat fuq xoghol li hu veru simili ghal dak li kellu mas-socjeta ntimata u meta jiehu nkonsiderazzjoni il-beneficcji kollha li ghandu jirrizulta li ghandhu zieda ta' hamsin fil-mija fuq li kellhu mas-socjeta ntimata.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali gie pprezentat affidavid ta' Joanne Caligari fejn tghid ic-cirkustanzi tal-kaz taghha li wasslu biex fl'2020 kellha tiehu l-pass li tirrezenja ghax kien inbidel ix-xoghol li kienet giet impjegata ghalih u x-xoghol li kienet qed tghamel ma kienx ta' persuna wahda u ma kienitx imhallsa bizzejjed ghad-doveri li kienet qed twettaq**

**u ghaldaqstant ma setghatax tiflah u tafda lis-CEO Katrina Attard u meta rrezenjat ma kellhix xoghol alternattiv.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali ma jirrizultax li x-xhud irreferit l-ilmenti taghha lid-Department of Employment and Industrial Relations u lanqas inizjalat u fethet proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali Kenneth Chetcuti pprezenta affidavid fejn jghid, li l-grad tieghu hu Electrical Engineer u kien ilhu mpjegat mas-socjeta ntimata mill-2009 fejn jghid, li x-xoghol tieghu kellu x'jaqsam mal-inginerija imma gradwalment matul iz-zmien bdew jigu mibdula ghal obbligi aktar operattivi.**

**Huwa jghid ukoll, li beda jitlef l-motivazzjoni fuq il-post tax-xoghol u beda jfettix xoghol aktar tekniku bbazat fuq l-inginerija u sabiex ikollu salarju li jirrifletti l-hiliet tieghu. Huwa jkompli jghid, li sadanittant kien hemm vakanza ta' COO u minflok li gie offrut dan il-grad lilhu hargu din il-vakanza esterna u gie avvicant mill-management ghal dan il-grad wara li kien diga gie maghzul kandidat iehor.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li l-agir tal-management wasslu biex jitlef il-fiducja fil-kumpanija partikularment fit-tmexxija tas-CEO Katrina Attard. Huwa jkompli jghid, li hemm diversi haddiema ohra li irrezenjaw ghax tilfu l-fiducja fosthom ir-rikorrenti li hu persuna li dejjem kien iqiesu bhala xempju ta' lejalta lejn il-kumpnaija.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed Adrian Borg fejn jghid, li kien impjegat mas-socjeta ntimata u kien irrezenja mill-impjieg ghal diversi ragunijiet fosthom ghax il-vizjoni tieghu kienet differenti minn dik il-vizjoni li l-kumpanija kienet sejra.**

**Mix-xhieda tieghu jirrizulta wkoll, li wara li irrezenja mill-impjieg minn mas-socjeta ntimata huwa involva ruhu fin-negozju tal-familja.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed Martin Vella li jahdem mas-socjeta ntimata fil-grad ta' Chief Administrative Officer. Fix-xhieda tieghu jghid, li r-rikorrenti matul l-impieg tieghu kien gie moghti tlett promozzjonijiet. Huwa jghid ukoll, li kemm ir-rikorrenti dam impjegat mas-socjeta ntimata, apparti z-zidiet ta' l-gholi tal-hajja u zidiet tal-Ftehim Kollettiv inghata wkoll hames zidiet fil-paga u dan apparti l-promozzjonijiet kif ukoll inghata zewg performance bonuses. Huwa jkompli jghid, li fir-ranking li kien jokkupa r-rikorrenti kien hemm tnejn min nies ohra u f'dan ir-ranking huwa kellu l-ghola paga.**

**Ix-xhud jghid wkoll, li ghandhom sistema t'attendanza illi kulhadd huwa obbligat li jaghmel uzu minnha u mid-data li hu analizza, li jkopru l-perjodu Jannar 2020 sa Gunju 2022 hemm ir-registrat li l-medja ta' sighat fil-gimgha li kien jirregistra ghax-xoghol ir-rikorrenti kienu medja ta' ghoxrin sigha fil-gimgha pero huwa ma eskludix li r-rikorrenti ghamel aktar sighat ta' xoghol li ma irregistrahomx.**

**Huwa jghid ukoll, wara li r-rikorrenti r-rizenja mill-impjieg il-karozza li kien jghamel uzu minnha kien talab biex jixtrieha u s-socjeta accettat u ma dan kien inghata wkoll il-lap top minghajr hlas.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet Katrina Attard li tokkupa l-kariga ta' CEO tas-socjeta ntimata. Fix-xhieda taghha hija tghid, li kellha relazzjonijiet ta' rispett mar-rikorrenti u kienu jahdmu tajjeb flimkien anke wara x-xoghol ghax kienu jorganizzaw hafna attivitajiet socjali flimkien.**

**Hija tghid ukoll, li sa erba gimghat qabel ir-rikorrenti rrizenja kienet qed tghinu f'attivitajiet ohra socjali u kienu jitkellmu flimkien b'mod ta' rispett u ma kienx hemm animosita u ma kienitx taf li kien qed ihoss b'dak il-mod kontrija. Hija tkompli tghid, li l-grad li kellu r-rikorrenti ma kienx fil-Ftehim Kollettiv ghar-raguni li huwa grad manigerjali.**

**Hija tghid ukoll, li fil-bidu tat-2021 hu beda jitlob kumpens oltre mis-salarju tieghu ghax kien qed ihoss li kien haqqu ghax jghid, li kien ghamel xoghol oltre mir-responsabilitajiet li kellhu. Ix-xhud tkompli tghid, li l-kumpanija kkontestat l-allegazzjonijiet tieghu u ma accettatx li ghandhu jinghata dan il-kumpens u ghaldaqstant ir-rikorrenti fetah kawza civili kontra is-socjeta ntimata u ghamel mandatt ta' madaw mija u hamsin elf euro u liema kawza qed tigi ttratta fil-Qorti Civili.**

**Hija tkompli tghid, li minn naha taghha baqet kemm jista jkun tkompli b'mod professjonali mieghu, imma ovvjament kienet qed issegwi d-**

**direzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta ntimata li ma accettax it-talba tar-rikorrenti.**

**Fix-xhieda taghha hija tghid, li r-rikorrenti mar l-ufficcju taghha fil-25 ta' Lulju u gab ittra ta' rizenja u kif ukoll kellu rapport li qal li diga kien ta' lic-Chairman tal-Grupp f'Jannar ta' qabel u hija staqsiethu jekk kienx se jirrezenja jew jekk riedtx jiddiskuti r-rapport. Hija tkompli tghid, li tkellmu ftit u mbaghad hija accettat ir-rizenja tieghu. Hija tghid ukoll, li ma kienitx qed tistenna li r-rikorrenti jirrezenja.**

**Mill-provi li ezamina t-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li meta nholqot vakanza ta' Acting Chief Operating Officer din il-vakanza ma kienitx saret sejha ghal applikazzjoni biex min ikun interessat japplika ghal din il-vakanza u anke meta c-Chief Operating Officer irrezenja mill-impjieg ma kienet saret l-ebda sejha ghal vakanza imma l-management kien iddecieda li jahtar direttament il-persuna tal-fiducja tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u jibda billi jikklassifika l-ilmenti tar-rikorrenti kif jidher hawn taht :-**

1. **Li bejn 2018 u 2022 ghamel diversi servizzi lis-socjeta ntimata li kienu jmorru li l-hinn mir-responsabilitajiet tieghu u ghal dawn is-servizzi kien qed jitlob kumpens.**
2. **Li meta kien hemm bidla fit-tmexxija tas-socjeta ntimata u gie appuntat CEO gdid, ir-rikorrenti beda jhoss li l-kumpanija ma**

**baqghetx dak li kienet u jghid li rrezenjaw diversi haddiema ghax bdew ihossu li qed jigu ttrattati bhala numru. Huwa jghid ukoll, li dan l-attegjament tal-management beda jaffettwa negattivament il-motivazzjoni tieghu lejn ix-xoghol.**

3. **Jilmenta li ma kienx jithallas ghal overtime bhal haddiema ohra u kellu salarju anqas u x-xoghol li kien iwettaq ma kienx jirrifletti fid-dhul finanzjarju li suppost jaqla nginier b'disgha u ghoxrin sena esperjenza u ggwardwat fl-MBA.**
4. **Li lanqas gie kkunsidrat li jinghata l-grad ta' Chief Operating Officer u ta' General Manager f'Panta Contracting Limited u f'Panta Marketing and Services Ltd. rispettivament.**

**It-Tribunal Industrijali meta jikkunsidra l-ewwel punt jinnota, li ghalkemm il-partijiet ghamlu riferenza ghal dawn il-pretensjonijiet tar-rikorrenti pero z-zewg partijiet ma dahlux fid-dettal dwar dan l-ilment tar-rikorrent ghar-raguni, li z-zewg partijiet infurmaw lit-Tribunal Industrijali li dan il-kaz qed jigi ttrattat quddiem il-Qorti Civili.**

**Dwar it-tieni punt it-Tribunal Industrijali jinnota, li fid-dinja tax-xoghol u ta' diversi Organizazzjonijiet jezistu diversi forom ta' tmexxija, hemm tmexxija fejn min hu responsabbli li jmexxi jhoss li t-tmexxija ta' l-Organizazzjoni hija responsabilita assoluta tieghu u jiddeciedi b'modd unilaterali mmarterjalment x'jahsbu s-sabbordinenti tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li hemm sistema ohra ta' tmexxija, li min imexxi qabel ma jiddeciedi jhoss li ghandhu jikkonsulta ma dawk**

**li fil-gerakija jigu taht ir-responsabilita tieghu u tezisti forma ohra ta' tmexxija fejn id-decizjonijiet isiru bil-kunsens ta' dawk li jahdmu madwarhu.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dawn is-sistemi ta' tmexxija huwa tal-fhema, li kull sistema ghanda d-diffikultajiet taghha u l-ebda sistema ma hi perfetta u minn qed imexxi sakemm ma jiksirx il-kundizzjonijiet bazici tax-xoghol ta' l-impjegati u ma jiksirx il-Ligi ghandu d-dritt li jaddotta s-sistema li jahseb li hija l-aktar addatta fic-cirkostanzi ta' l-Organizazzjoni.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali meta jinnota l-ilment tar-rikorrent li ssistema ta' tmexxija kienet differenti minn dik li kien immdorri bija fejn bdew jigu mehdua decizjonijiet minghajr ma jigu mehuda nkonsiderazzjonijiet l-opinjoni ta' l-impjegati, ma jfissirx li CEO il-gdid kien qed jonqos minn dmirijiethu u lanqas ma jirrizulta li d-decizjonijiet li gew mehuda affettwaw il-kundizzjonijiet bazici u kuntrattwali li kellu r-rikorrenti mas-socjeta ntimata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li CEO ma kellu l-ebda obbligu legali li jikkonsulta jew jghati spejgazzjoni ghad-decizjonijiet li jiehu lill dawk li jinsabu tahtu fil-gerarkija ta' l-Organizazzjoni ghax l-obbligu tieghu huwa lejn ic-Chairman u l-Board tad-Diretturi ta' l'Organizazzjoni u jirrispondi fl'Annual General Meeting jekk jintalab jghati spjegazzjoni ghad-decizjonijiet li jkun implimenta.**

**Rigward it-tielet punt it-Tribunal Industrijali jinnota, li fl'ewwel aspett ir-rikorrenti ma ressaq l-ebda dokumentazzjoni biex isostni l-allegazzjoni li ghamel, li ma kienx jithallas ghal hin zejjed li kien jghamel.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li dokumentazzjoni li giet imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali kienet mis-socjeta ntimata fejn hemm indikat, li r-rikorrenti fuq perjodu ta' zmien kien irregistra li dahal ghax-xoghol medja ta' ghoxrin siegha fil-gimgha pero l-management jghid ukoll, li r-rikorrenti setgha hadem sighat aktar minn medja ta' ghoxrin sigha fil-gimgha pero ma tresqet l-ebda evidenza li r-rikorrent kien jahdem aktar min erbghin sigha fil-gimgha.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li jekk ir-rikorrent kellu dan l-ilment li ma kienx jithallas ghal sighat zejda, huwa setgha jressaq dan l-ilment ghal attenzjoni tal-management u anke jirraporta lid-Department of Employment and Industrial Relations u mhux li jressaq l-ilment tieghu wara li jkun irrezenja mill-impjieg.**

**Rigward l-ilment tar-rikorrent li kellu salarju anqas minn impjegati ohra, meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-provi jirrizulta, li ghalkemm hemm haddiema ohra fis-socjeta ntimata li ghandhom salarju aktar mir-rikorrenti pero, ir-rikorrenti ma kellux salarju anqas mill-haddiema tal-kategorija tieghu.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li jekk ir-rikorrenti kien qed ihoss li ghar-responsabilitajiet tax-xoghol li kellu u l-valur tax-**

**xoghol tieghu kien jikkompara ma ta' haddiema ohra li kellhom salarju aktar minnhu bir-rizultat li kienet qed tinholoq diskriminazzjoni fil-konfront tieghu, huwa setgha jirreferi l-kaz lit-Tribunal Industrijali li jittratta kazijiet ta' diskriminazzjoni ghax kaz ta' din ix-xorta ma jaqax taht il-kompitenza ta' dan it-Tribunal Industrijali.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, l-ilment tar-rikorrenti li ghar-responsabilijiet li kellu ma kienx imhallas bizzejjed. Rigward dan l-ilment tar-rikorrenti t-Tribunal Industrijali jinnota, li fil-pajjiz ma jezistux ligijiet fejn jistabilixxu kull grad tax-xoghol kemm ghandu jithallas u kull ma tezisti l-paga Minima Nazzjonali li minn jimpjega ma jistghax ihallas anqas minnha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li r-rikorrenti kellu salarju anqas ikkomparat ma dak li jithallsu haddiema fil-kategorija tieghu ma organizazzjonijiet ohra ma jikkostitwix ksur tal-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota li f'cirkostanza ta' din ix-xorta, l-impjegat hu liberu li fejn jaqbel iqabbel, bhalma ghamel l-istess rikorrenti li sab impjieg bi dhul finanzjarju ta' aktar minn hamsin fil-mija milli kellu mas-socjeta ntimata.**

**Dwar ir-raba punt it-Tribunal Industrijali jinnota, li dan kien l-aktar aspett krucjali li wassal biex ir-rikorrenti jirrezenja mill-impjieg meta huwa ma giex ikkunsidrat ghal promozzjoni ta' Chief Operational Officer u ta'**

**General Manager ma Panta Contracting Ltd u ma Panta Marketing and Services Ltd rispettivament.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota, li l-grad tar-rikorrenti ma kienx kopert bil-Fthiem Kollettiv fejn ikopri proceduri ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet u legalment lanqas jezistu proceduri ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet.**

**Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li s-socjeta ntimata ma kisret l-ebda ligi meta ddecidiet li tghazel Chief Operational Officer u ta' General Manager tal-fiducja taghha minghajr ma ghamlet sejjha permezz ta' avviz ta' vakanza.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi, li l-ilmenti tar-rikorrenti ma jiggustifikawx l-allegazzjoni tieghu li huwa gie sfurzat li jirrezenja mill-impjieg u ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li t-terminazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrenti u s-socjeta ntimata kienet ghall raguni ta' rizenja mill-impjieg.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.**

**(Iffirmat)**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Data 14.05.2024**